# IL-MALTIN LILL-SANTA KATERINA



REV. KAN. JOS. BONELLO

**Studju Storiku u Artistiku dwar Santa Katerina fostna il-Maltin**

Waħda mill-aktar devozzjonijiet qodma fostna il-Maltin hija dik lejn Sta. Katerina. Id-devozzjoni lejn din il-qaddisa daħlet fl-Ewropa għall-ħabta tas-seklu għaxra. Fis-seklu tnax, iżda tant xterdet il-qima tagħha, li ma kienx hemm belt jew djoċesi li ma kellhomx knisja jew oratorju ddedikati għal-Sta. Katerina.Il-qaddisa kienet magħrufa bħala il-protettriċi ta' l-istudenti, filosofi, u xebbiet. Il-patrijiet Dumnikani kienu minn ta' quddiem f'din id-devozzjoni u **il-Papa Giovanni XXII li miet fl-1334, ried illi fil-Kneijes kollha tal-punent issir il-festa ta' Sta. Katerina.**

## DEVOZZJONI ANTIKA

Żgur li d-devozzjoni lejn il-qaddisa daħlet f'Malta qabel iż-żmien tal-Papa Giovanni XXII (1316-1334), għaliex fis-**sena 1090** meta **il-Konti Ruggieru** ġie Malta, hu ġedded il-Knisja Katedrali ta' Malta w iddotha b'ħafna raba w artijiet. Issa, mid-Dokumenti li jinsabu fil-Katidral jirriżulta li fost il-kanonikati li waqqaf il-Konti Ruggieru **hemm dak tal-Kantur**, u l-artijiet li jmissu lill-Kantur qegħdin f'inħawi taż-Żejtun imsejħa "**Il-Prebenda ta' Santa Katerina**". Dan juri li f'Malta u n-naħa taż-Żejtun kien **art magħrufa bħala ta' Sta. Katerina**; l-isem ta' din il-qaddisa kien għalhekk ġa magħruf u meqjum mix-xjuħ tagħna; u dan dejjem qabel is-sena 1090.

Fi żmien l-Isqof Senatore De Mello fl-1436 jissemmew diġà għaxar parroċċi, li kienu in-Naxxar, B'Kara, Gudja, Qormi, Żejtun, Żebbuġ, Siġġiewi, Żurrieq, Il-Mellieħa u Ħal-Tartari (ħdejn Ħad-Dingli). Minn dawn l-għaxar parroċċi tnejn minnhom ġew idedikati lill-Santa Katerina. **Dawn kienu iż-Żejtun u ż-Żurrieq;** żewġ irħula kbar; it-tnejn għandhom sehem sabieħ f'li Storja ta' pajjiżna.

## IŻ-ŻEJTUN

Iż-Żejtun dak iż-żmien kien imsejjaħ **il-Parroċċa ta' Sta. Katarina ta' Bisqallin.** Din il-parroċċa kellha miġbur fiha l-irħula żgħar ta' Bisqallin, Ħal-Bisbut, Ħal-Ġwann, Ħal-Tmiem, Ħaż-Żabbar u Ħal-Għaxaq. Iż-Żwieten diġà kellhom knisja fir-raħal tagħhom; dik li għada teżisti sa' llum, **imsejħa ta' "San Girgor" għalkemm iddedikata lil Sta. Katerina.** X'ħud jaħsbu li parti mill-knisja preżenti għadha mis-seklu tnax, iżda hu fatt li ġiet modifikata ħafna miż-żmien għal żmien. Din il-knisja hi l-aktar knisja li bagħqalna ta' dan il-qdem. Jixraq, għalhekk, li tiġi mħarsa bil-ġieħ li jistħoqqilha.

**Mons. Duzzina** f'atti tal-Vista tiegħu ta' **7 ta' Frar 1575** meta jitkellem fuq il-knisja qadima taż-Żejtun jgħid "Fejn fil-ġranet ta' **nhar ta' tnejn ħafna imħabba id-devozzjoni lejn Sta. Katerina jiġu mill-Gżira kollha** u ħafna jagħmlu u jdendlu il-wegħdi tagħhom.... Il-Knisja tagħha kienet **magħrufa bħala s-santwarju** fejn kienu jmorru d-devoti u lilha jagħtu qima." Dan jri kemm il-Maltin kellhom għal qalbhom sa' mill-antik id-devozzjoni lejn Sta. Katerina.

Ta' kull sena l-Erbgħa wara l-Għid, issir **Proċissjoni** għal din il-Knisja Katedrali. X'uħud jgħidu li din il-Purċissjoni saret **b'wegħda lill-Sta. Katerina u mhux lill-San Girgor.** Fuq dan mhux kulħadd jaqbel. **Il-Prof. Stefano Zerafa** jgħejdilna "il-Maltin għamlu dik il-wegħda li jmorru proċessjonalment għall-knisja ta' Sta. Katerina taż-Żejtun, mhux għax din hija l-iktar waħda bogħod mill-Katidral ... iżda mħabba dik **l-imħabba lejn il-qaddisa martri li għaliha dik il-knisja hija mssemmija...**"

Il-Knisja magħrufa "Ta' San Girgor" damet ħafna sservi bħala Parroċċa, iżda maż-żmien inħass il-bżonn ta' knisja akbar. Kellu jkun **in-Nobbli Gregor Bonnici,** il għalih hija msemmija l-Pjazza tal-knisja, li xtara biċċa art biex fuqha jkun jista' jibni l-knisja. Dan il-benefattur ħallas minn flusu l-ispejjeż meħtieġa għal bini ta' dan it-tempju. Bħala arkitett ġie magħżul il-famuż **Lorenzo Gafà**, u l-ewwel ġebla tqegħdet fil-25 ta' Nov. 1692 u tlestiet għal kollox fl-1720. Iż-żewġ kappeluni saru għoxrin sena wara; għandha koppla sabieħa ferm li tlestiet mill-imgħallmin Ġużè Zahra u Karmnu Vella fis-sena 1907. Din il-knisja hija **waħda mill-akbar u l-isbaħ ta' Malta.** Fiha 153 pied; 11 pied wiesgħa fil-kappelluni u 31 pied wiesgħa fil-korsija. Il-paviment huwa xogħol tad-Ditta Buhagiar fuq id-disinn ta' **Dr. Nikola Zammit.** Fl-1848 sar dak il-fonti ta' rħam abjad li tassew iżejjen knisja.

## IŻ-ŻURRIEQ

Il-Parroċċa l-oħra ddedikata lill-Santa Katerina, li tissemma fis-sena **1436** hija dik taż-**Żurrieq.** Din il-parroċċa kellha miġbur fih l-irħula żgħar tal-Qrendi, Bubaqra, Ħal-Mellieri, Ħal-Lew, Ħal-Ħanin u Ħal-Far. Il-Knisja li naraw llum fiż-Żurrieq hija mibnija flok żewġ knejjes żgħar, waħda ta' S. Pietru u l-oħra ta' Santa Katerina. Il-bini ta' din il-knisja beda' fis-sena 1639 u spiċċa fis-sena 1658, iżda għal ħabta ta' 1757 reġet ġiet mibnija mill-ġdid isbaħ u

aħjar. Fis-sena 1861 saret il-faċċata, fuq id-disinn ta' **Dr. Nikola Zammit** u l-imgħallem kien **iż-Żurrieqi Ġużè Callus.** L-Arkitettura tagħha hija **dorica**, fiha kor u żewġ kappelluni sbieħ ferm u hija mżejna b'koppla ta' ġmiel kbir bejn żewġ kampnari li ma jagħmluliex għajb. Benefattur kbir ta' din il-Parroċċa kien **Dun Ġużepp Testaferrata**, li għalih hija msemmija t-triq il-ġdida ta' quddiem il-knisja.

### KNEJJES ŻGĦAR

Il-qima lejn Sta. Katerina m'hiex biss miż-Żwieten u miż-Żrieraq, iżda mill-Maltin kollha, u dan narawh mill-ħafna knejjes iddedikati lil din il-qaddisa imxerdin ma' Malta kollha.

Fil-**Belt Valletta** insibu **żewġ knejjes** ta' Sta. Katerina: waħda tinsab f'Triq ir-Repubblika in-naħa ta' isfel, li magħha għandha il-Monasterju tas-sorrijiet, li kellu l-bidu tiegħu fiż-żmien l-Isqof Gargallo fis-sena 1606, u l-oħra dik imsejħa **"Ta'Santa KATERINA d'Italia"**, ħdejn Kastilja, li kienet il-knisja tal-kavallieri Taljani; din inbniet fis-sena 1576; hija biċċa xogħol ta' arti tal-famuż **Ġerolomo Cassar**, għalkemm ġiet rinnovata fis-sena 1703.

Knejjes oħra ta' Sta. Katerina insibu: fir-**Rabat**, imsejħa **"Tad-Daħla"** li sa' llum għada ssir anke festa esterna fix-xahar ta' Novembru; fin-**Naxxar** f'Wied il-Għażel, imsejħa **"Tax-Xewqi"**; fil-**Gudja** mibnija fuq il-fdal ta' oħra iktar qadima; fil-Pjazza ta' **Imqabba**, illum tintuża għall-armar tal-festa; fil-**Qrendi** msejħa "Ta' Torba" mibnija fis-sena 1626, flok oħra iktar qadima u l-oħra fil-qalba ta' **Ħal-Qormi.**

### STA. KATERINA F'ARTI MALTIJA

Ħafna huma f'Malta il-kwadri artistiċi ta' Sta. Katerina. Fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann insibu l-kwadru famuż tal-pittur **Francesco Potesanol** f'istess knisja għandna Kappella sħieħa tal-Lingwa ta' Italja, ddedikata lill-Sta. Katerina, fejn kemm il-famuż kwadru ta' **Mattia Preti**, jirrappreżenta t-tieġ mistiku ta' din il-qaddisa. Kwadri oħra famużi fil-Belt Valletta huma, dak f'knisja ta' Ġieżu, xogħol tal-pittur **Antonio Catalani** minn Messina, u l-ieħor fil-knisja ta' Sta. Ursola, xogħol tal-Preti. Il-kwadri laterali fil-knisja ta' Sta. Katerina d'Italia huma xogħol spanjol, waqt li dak tal-maġġur huwa ta' Mattia Preti, li kopja tiegħu ta' Erardi tinsab fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. **Famuż ferm huwa t-titular taż-Żurrieq, xogħol ieħor ta' Mattia Preti.** Il-pittura fis-saqaf hija xogħol taż-Żejtuni T. Busuttil. Il-kwadri laterali taż-Żurrieq u anke taż-Żejtun huma ta' **Francesco Zahra.**

**Fil-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu** hemm kappella ddedikata lill-Sta. Katerina, fejn jinsab il-kwadru tal-pittur **Caracci.** Fl-istess kappella hemm l-istatwa ta' S. Katerina, fejn f'antik kull sena kienet toħroġ f'purċissjoni nhar il-25 ta' Novembru. **Fil-Birgu hemm Fratellanza antika ferm ta' S. Katerina.** Naħseb li din l-unika fratellanza f'Malta f'ġieh Sta. Katerina.

Wieħed miż-żewġ kappelluni tal-Parroċċa ta' **Bormla** huma ddedikat lil din il-qaddisa; il-kwadru fuq l-artal huwa ta' Francesco Zahra u żewġ kwadri l-oħra huma tal-pittur Bormliż **Rokku Buhagiar.**

L-iskultur **Mariano Gerada** għamel il-famuża statwa titulari taż-Żurrieq u tiegħu wkoll hija l-istatwa fil-Pjazza ta' l-istess raħal. L-Istatwa taż-Żejtun hija xogħol Spanjol, iżda ġiet imġedda u rranġata minn J.M. Caruana fis-sena 1927.

### KONKLUŻŻJONI

Dan kollu juri kemm id-devozzjoni lejn Sta. Katerina għandha għeruq imqabdin tajjeb fil-qalb tal-Maltin; dan iktar jidher fiż-Żejtun u ż-Żurrieq fejn il-festa tagħha ssir b'ikbar sollennità. Sta. Katerina tant hija f'qalb il-poplu Malti li meta f'1969, sar xi tibdil fil-Kalendarju dwar din il-qaddisa, iż-Żwieten u ż-Żrieraq ma' qagħdux kwieti qabel ma' l-Awtorità tal-Knisja b'Ċirkulari mill-Kurja ta' Malta tas-7 ta' Ġunju 1969 taw assigurazzjoni li l-Festa ta' Sta. Katerina tista' ssir xorta waħda bħal qabel.

IL-BANDA BELAND
125 SENA TA' STORJA MUŻIKALI